

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 15.4.2009  
KUMM(2009) 177 finali

**ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAGĦIT TA' EMENDA Nru 5  
GĦALL-BAGĦIT ĠENERALI TAL-2009**

**DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ TAQSIMA B'TAQSIMA  
Taqsimi III – II-Kummissjoni**

**ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĠĠIT TA' EMENDA Nru 5  
GĦALL-BAĠĠIT ĠENERALI TAL-2009**

**DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ TAQSIMA B'TAQSIMA  
Taqsimha III – Il-Kummissjoni**

Wara li ġie kkunsidrat:

- it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 272 tiegħu,
- it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu,
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk tippreżenta lill-awtorità tal-baġit l-Abbozz Preliminari tal-Baġit ta' Emenda Nru 5 għall-baġit tal-2009.

---

<sup>1</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

## **TIBDILJET FID-DIKJARAZZJONI ĠENERALI TAD-DĦUL**

It-tibdil għad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul jintbagħat separatament permezz tas-sistema SEI-BUD. Verżjoni bl-Ingliż tat-tibdil għad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness tal-baġit.

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Abbozz Preliminari preżenti tal-Baġit ta' Emenda Nru 5/2009 huwa maħsub biex iqassam il-bilanċ favorevoli li rriżulta mill-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena 2008. Kif stipulat fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>2</sup>, fl-Artikolu 15 § 3, dan huwa l-uniku suġġett ta' dan l-APBE u għandu jiġi sottomess fi żmien 15-il ġurnata wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet proviżorji, li saret fil-31 ta' Marzu 2009.

1. L-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena 2008 turi bilanċ favorevoli ta' EUR 1,796,151,821 (li ma jinkludix il-kontribuzzjonijiet mill-EFTA-ŻEE), li għalhekk iddaħħal bħala dħul fil-baġit tal-2009.

Ir-reġistrar tal-bilanċ favorevoli jista' jiġi analizzat kif ġej:

<b>2008</b>	<b>EFTA-ŻEE</b>	<b>Il-Komunitajiet Ewropej</b>	<b>Total</b>
<b>Dħul għas-sena finanzjarja</b>	<b>199 139 557,00</b>	<b>121 385 242 727,55</b>	<b>121 584 382 284,55</b>
<b>Pagamenti kontra approprjazzjonijiet għas-sena kurrenti</b>	<b>-183 598 206,59</b>	<b>-115 366 374 174,96</b>	<b>-115 549 972 381,55</b>
<b>Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mgħoddija għas-sena N+1</b>	<b>0,00</b>	<b>-3 912 336 487,46</b>	<b>-3 912 336 487,46</b>
<b>Approprjazzjonijiet tal-EFTA miġjuba mis-sena N-1</b>	<b>-2 324 641,86</b>	<b>0,00</b>	<b>-2 324 641,86</b>
<b>Kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet mhux użati miġjuba mis-sena N-1</b>	<b>564 626,36</b>	<b>187 331 191,58</b>	<b>187 895 817,94</b>
<b>Differenzi tal-kambju għas-sena</b>	<b>0,00</b>	<b>-497 711 435,90</b>	<b>-497 711 435,90</b>
<b>Outturn baġit 2008</b>	<b>13 781 334,91</b>	<b>1 796 151 820,81</b>	<b>1 809 933 155,72</b>

2. L-ibbaġġitjar tal-bilanċ favorevoli se jnaqqas għaldaqstant il-kontribuzzjoni globali tal-Istati Membri għall-iffinanzjar tal-Baġit tal-UE. Dan it-tnaqqis globali skont l-Istat Membru se jkun ukoll influwenzat mill-previżjoni aġġornata tar-riżorsi proprji (TOR, VAT u DGN) inkluż l-ammont aġġornat tal-korrezzjoni tar-Renju Unit. F'Ġunju, il-Kummissjoni se tippreżenta, f'Abbozz Preliminari tal-Baġit ta' Emenda separat, previżjonijiet aġġornati, li mistennija jkomplu jbiddu l-ammonti tal-kontribuzzjonijiet skont il-pajjiż.

<sup>2</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p.1.